# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 462/2014**

Il-Pulizija

vs

**Antonia sive Antoinette Gafa'**

bint Gregory, imwielda Pieta', fit-8 ta' Marzu, 1961, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 173361(M)

**Paulette Gafa'**

bint Domenic, imwielda Pieta', fis-26 ta' Ottubru, 1986, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 503386(M)

**Domenic Gafa'**

iben Paul, imwieled Pieta', fl-4 ta' Frar, 1962, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 116862(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellati Antonia sive Antoinette Gafa', Paulette Gafa' u Domenic Gafa' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti ġuridiċi u/jew uffiċjali tas-socjeta' kummerċjali 'GAFA SAVEWAY LIMITED (C 15908)', b'indirizz reġistrat 39, Triq Guljetta Lopez, Santa Luċija, Malta, u/jew bħala persuni li kienu nkariġati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu l-leave għal mard għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u d-19 ta' Diċembru 2012, ta' bejn id-29 ta' April , 2013 u t-30 ta' April, 2013 u ta' bejn id-9 ta' Mejju, 2013 u l-10 ta' Mejju, 2013, li b'kollox jammontaw għal mija u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€120.50), inklużi t-taxxa u l-bolla, liema ammont hu dovut lill-impjegata tagħhom u cioe' lil Maria Concetta Fenech (karta tal-identita' numru: 706256M), fil-perjodi speċifikati hawn fuq.

Illi l-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi kif ukoll sabiex tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 10 tal-Avviż Legali 15 tal-2001, kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007, 150 tal-2010 u 362 tal-2012, sabiex iħallsu lil Maria Concetta Fenech l-ammont ta' mija u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€120.50), għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 4, 5, 22(1), 22(2), 23, 25, 38, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, rat ir-regolamenti 10 tal-Avviż Legali 15 tal-2001, kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2207, 150 tal-2010 u 362 tal-2012, ir-regolamenti 3, 3A, 4 u 9 tal-Avviż Legali 433 tal-2002 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007, 195 tal-2010 129 u 443 tal-2011 u 363 u 467 tal-2012, innotat illi l-imsemmija imputati ħallsu seduta stante lil parte ċivile Maria Concetta Fenech detentriċi tal-karta tal-identita' 706256m, l-ammont ta' mija u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€120.50).

Il-Qorti nnottat illi l-parte civile m'għandiex aktar interess fil-kawża.

Il-Qorti ddikjarat il-kawża irtirata.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-17 ta' Novembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.
Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fis-sitta (6) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi li waslet għas-sentenza kif mogħtija.

Illi jirriżulta mill-verbal tas-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) illi l-imputati ħallsu l-ammont dovut għal leave tal-mard lill-impjegata tagħhom Maria Concetta Fenech *seduta stante* u għaldaqstant dan il-fatt waħdu wkoll jammonta għal rikonoxximent da parti tagħhom illi fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi tas-soċjeta' Gafa Saveway Ltd, kienu qegħdin jaġixxu f'illegalita' meta ma ħallsux lill-impjegata tagħhom l-ammonti ta' leave għall-mard dovut għall-perjodi imsemmija iktar 'il fuq f'dan ir-rikors. Sussegwentement għal dan il-ħlas, l-ewwel Onorabbli Qorti, iddeċidiet li **tirtira** l-kawża kontra l-imsemmija imputati u dan minkejja illi l-Prosekuzzjoni għamlet talba sabiex il-Qorti tgħaddi għas-sentenza skont il-Liġi senjatament skont l-Artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1].

Illi huwa paċifiku illi n-non osservanza tal-formalitajiet rikjesti minn Artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġġib bħala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata u

---

[1] Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

konsegwentement il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun marbuta sabiex tisma' l-kawża mill-ġdid fuq il-mertu ai termini tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Illi b'kull dovut rispett, hija l-Prosekuzzjoni li għandha s-setgħa bil-Liġi li tirtira l-proċeduri kontra l-imputati in kwantu l-offiżi li qegħdin jiġu mixlija bihom, senjatament dawk ravviżati f'Artikolu 45(1)[3] u 45(2)[4] tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, **huma** **prosegwibbli *ex officio*** u kwindi rrespettivament mill-fatt illi l-parti leża tiddikjara illi m'għaddx għandha nteress fil-proċeduri, il-Prosekuzzjoni għandha s-setgħa **anzi l-obbligu bil-Liġi,** li tibqa' għaddejja bil-proċeduri penali kontra l-imputati. Illi għaldaqstant, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex is-setgħa li *di sua sponte* tirtira l-proċedimenti iżda a tenur tal-Artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kienet marbuta bil-Liġi li tgħaddi biex tati s-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[2] Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq ilmertu. **L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.**

[3] Kull prinċipal li jikser jew jonqos milli joqgħod għal xi kondizzjoni magħrufa ta' impieg preskritta b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur jew bi ftehim kollettiv,

jew għal xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu jeħel, sakemm ma jkunx hemm piena differenti stabbilita għal reat bħal dak, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas

minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

[4] Meta xi prinċipal jinstab ħati li -

(*a*) ikun naqas li jħallas pagi b'mhux anqas mir-rata applikabbli skont kondizzjoni magħrufa ta' impieg kif imfisser fit-Taqsima III ta' dan l-Att jew skont kuntratt ta' servizz, liema tkun l-ogħla, jew

(*b*) ikun għamel tnaqqis illegali jew ikun waħħal xi multa minbarra dawk espressament permessi bl-artikolu 19,

jew

(*ċ*) ikun naqas li jħallas xi *bonus* li għandu jitħallas skont l-artikolu 23, jew xi ħlas ieħor li għandu jitħallas minn prinċipal lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni magħmul taħtu, jew

(*d*) ikun żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-*notice*, jew

(*e*) ikun naqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif provdut jew kif speċifikat f'xi ordni ta' *standard* nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew kuntratt ta' servizz, jew

(*f*) ikun naqas li jagħmel xi pagament dovut lil impjegat skont dan l-Att jew skont xi ordni ta' *standard* nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt dan l-Att../..

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi *'s-sentenza'* ngħatat fid-29 t'Ottubru , 2014 kif jidher fil-verbal a folio 6 tal-proċess. Fis-seduta l-imputati ħallsu l-pendenzi li kellhom mal-parti ċivile u cioe' ta' €120.50 u l-Qorti irtirat l-kawża. Infatti fil-verbal hemm iminiżżel 'irtirata' u 'fis-sentenza' l-Ewwel Qorti ikkunsidrat l-fatt li l-parti ċivile tħallset seduta stante u li għalhekk il-parti ċivile ma għandhiex aktar interess fil-kawża. Għaldaqstant 'Dina l-Qorti tiddikjara din il-kawża bħala irtirata'

Illi l-Prosekuzzjoni tista' titlob li tiġi irtirata l-kawża pero' l-Qorti ma tistax tiddikjara l-kawża irtirata mingħajr it-talba tal-istess prosekuzzjoni. Ma hemm ebda indikazzjoni fil-verbal li l-Prosekuzzjoni talbet li tiġi irtirata l-kawża anzi talbet li tingħata sentenza kif titlob il-liġi. Il-proċeduri kellhom jitkomplew għax hija kawża li titmexxa *ex officio* u l-interess o meno tal-parti ċivile ma għandu ebda konsegwenza fuq il-kawża per se.

L-avukat difensur issottometta li dan kien dejn ta' ħaddieħor u mhux tal-kumpanija Gafa' Saveway Limited. Dan għaliex meta tieħu over kumpanija int teħodha bit-tajjeb u l-ħażin tagħha.

Ma dan kollu, meta l-imputati ħallsu lil Maria Concetta Fenech *seduta stante* dawn kienu qed jammettu li bħala diretturi kienu naqsu milli jgħaddu l-ħlas dovut.

Illi l-Avukat Generali ikkwota l-Artikolu 428 (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

*(3) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.*

Biss din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati qieset biss li l-kawża hija irtirata mingħajr ma tat sentenza formali. Infatti , hija dikjarzzjoni li l-kawża qed tiġi irtirata u mhux sentenza ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 - '***Dina l-Qorti tiddikjara din il-kawża bħala irtirata***' (folio 8) .Għaldaqstant, biex ikun hemm anke d-dritt tad-doppio esame ikun aħjar li din il-kawża tinstema' mill-ġdid mill-Qorti tal-Maġistrati.

Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali.

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija din il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-29 t'Ottubru, 2014 u qed tibgħat l-Atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' l-każ mill-ġdid.